**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta tal-Erbgha 2 ta' Ottubru 2019**

**Rikors Numru : 215/2019JPG**

**Kawza Numru : 21**

**MD**

**U**

**LF**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt ta' MD u LF datat 15 ta' Mejju 2019, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi r-rikorrenti zzewgu nhar il-wiehed u ghoxrin (21) ta' Settembru tas-sena elf disa' mija erbgha u disghin (1994) (vide l-anness Dok A) mil-liema zwieg huma ma kellhom l-ebda ulied.*

2. *Illi r-rikorrenti dahlu f'kuntratt ta' separazzjoni personali fl-atti tan-Nutar Dr. Joe Cilia datat sbatax (17) ta' Novembru tas-sena elfejn u hdax (2011), kopja ta' liema kuntratt qed tigi hawn annessa u mmarkata Dok B.*

3. *Illi r-rikorrenti jixtiequ illi z-zwieg ta' bejniethom jigi mahlul, u jiddikjaraw:*

   a. *illi ghaddew izjed minn erba' (4) snin mid-data tas-separazzjoni legali tal-partjiet;*

   b. *illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;*

   c. *illi permezz tal-kuntratt ta' separazzjoni personali surriferit, ir-rikorrent LF*

*irrinunzja ghal kwalunkwe dritt ghal manteniment illi ghandu jew jista' jkollu minghand martu MD, u fl-istess waqt ir-rikorrenti MD irrinunzjat ghall-istess dritt biss la darba hija tigi impjegata b'mod fiss u dan wara li tispicca l-kors illi hija qieghda taghmel l-Universita'. Ir-rikorrenti MD tiddikjara illi il-kors imsemmi lestietu, u hija impjegata b'mod fiss, u li ghalhekk, ma tippretendi l-ebda manteniment minghand ir-rikorrent LF. B'hekk l-ebda manteniment m'hu dovut mill-ebda parti;*

*d. illi mir-relazzjoni tieghu mal-intimata ma twieldu l-ebda ulied, u ghalhekk l-ebda manteniment ghall-ulied m'hu dovut.*

*4. Illi ghaldaqstant ir-rikorrenti huma tal-umli opinjoni li li jissussistu l-elementi kollha rikjest mil-ligi sabiex din l-Onorabbli Qorti tholl iz-zwieg u taghti digriet ta' divorzju skond il-ligi.*

*Ghaldaqstant, ir-rikorrenti jitolbu umilment lil din l-Onorabbli Qorti:*

*1) Joghgobha tholl iz-zwieg ta' bejniethom u taghti digriet ta' divorzju skond il-ligi, u*

*2) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien imholli ghaldaqshekk minn din l-istess Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tar-rikorrenti sabiex dan jigi registrat fir-Regsitru Pubbliku.*

*Salv kull provvediment iehor li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat;**

**MD** xehdet illi l-partijiet izzewgu fil-21 ta' Settembru 1994, u kienu ottjenew s-separazzjoni legali fis-17 ta' Novembru 2011 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali. Xehdet illi minn dan iz-zwieg il-partijiet ma kellhomx tfal, u illi m'hemm ebda pendenzi ta' manteniment. Qalet ukoll illi l-partijiet m'ghandhom ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

**LF** xehdet u kkonfermat u kkorroborat ix-xhieda moghtija minn MD.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***
>
> ***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***
>
> ***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta illi l-partijiet kienu zzewgu nhar il-21 ta' Settembru, 1994 (Vide Dok A fol 4) u li minn dan iz-zwieg huma ma kellhom ebda wild;

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Dottor Joe Cilia, datat 17 ta' Novembru, 2011 (vide Dok. B fol 5 et seqq.) u ghalhekk ilhom legalment separati ghal circa tmien snin u cioe' aktar mill-erba' snin rikjesti mill-ligi.

Jirrizulta ukoll m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti tqis inoltre illi jirrizulta pruvat illi li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi l-partijiet irnexxilhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**